# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum, 2 ta' Gunju, 2023**

**Rikors Numru: 355/2022**

**Numru: 1**

**Andrew Pullicino et**

**Vs**

**Dr. Josette Sultana et noe**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Dr. Av. Alexander Schembri datat 25 ta'Novembru, 2022[1] fejn qed jintalab għar-raġunijiet hemm premessi li tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza, li jiġu estromessi l-kuraturi deputati Dr. Josette Sultana u P.L. Davina Sullivan mill-proċeduri odjerni, ukoll li tordna lill-avukat esponent sabiex jirrapresentahom ġewwa Malta u jigi notifikat bir-rikors promotur, u li konsegwentement jippreżenta risposta ġuramentata ulterjuri.

[1] Folio 57

Ir-risposta għal dawn it-talbiet preżentata mir-rikorrenti atturi kienet oppositorja *inter alia* inkwantu l-Avukat Schembri, l-firmatarju tar-rikors in eżami, ma kienx debitament awtorizzat bi prokura, ukoll li kazo mai kellu jitlob li jidħol fil-kawża *"in statu et terminis"*.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti mhux ser tidħol fuq dak li kienu jafu o meno r-rikorrenti dwar il-werrieta. Żgur, u dan joħroġ mid-dokumenti minnhom esebiti, wkoll mix-xhieda tal-perit Michael Lanfranco, li r-rikorrenti kellhom kuntatt sew ma' Sant ukoll ma' uliedu u *"z-ziju"* (Folio 48 ). Pero', għaliex jgħidu li sussegwentement tilfu l-kuntatt maghhom, huwa misteru għal din il-Qorti.

In oltre, il-Qorti tara li Dr. Andrew Schembri hu debitament awtorizzat biex jidher għal Annette Szymaniak, David Sant u Joanne Sutton, ukoll ulied id-deċedut Edward Anthony Sant li kien firmatajru tal-konvenju mertu tal-kawża odjerna.

Rat ukoll r-risposta tal kuraturi deputati li rrimettew ruħhom ghat-talbiet in eżami.[2]

**Ikkonsidrat:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti twarrab, għax legalment bla sens fis-sitwazzjoni in eżami, is-suggeriment lil werrieta, ġia rappreżentati qua konvenuti mill kuraturi deputati, jidħlu fil-kawża "*in statu et terminis*".

[2] Folio 82

Fit-tieni lok, tara li Dr. Schembri huwa debitament awtorizzat bi prokuri appositi biex jirappreżenta lil werrieta assenti, li hi llum bla dubju huma żgur magħrufa u għandhom kull dritt bhala werrieta ta' missierhom, u kull interess ġuridiku, jiddefendu l-interess tal-wirt tagħhom.

Konsegwentement tilqa t-tabiet ta' Dr. A. Sciberras b'dana li qegħda tissospendi i-prolazzjoni tas-sentenza, testrometti lill-kuraturi deputati minn dawn il-proċeduri, b'dan li dawn jibqgħu spejjeż a karigu tar-rikorrenti, tawtorizza lil Dr. Alexander Schembri quo mandatarju tal-imsemmija jirrappreżenta l-istess u jassumi l-atti f'isimhom. Tordna lir-rikorrenti jinnotifikaw ir rikors ġuramentat lill-istess Dr.Alexander Schembri *noe* li għandu l-fakolta' li jippreżenta nota ġuramentata ulterjuri f'għoxrin jum.

**Onor. Imhallef Miriam Hayman**

**Rita Falzon**
**Dep Reg**